MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 26/2001/1

**Rikors Kostituzzjonali numru 26/01 GC**

**Meinrad Calleja**

**vs**

**Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Meinrad Calleja fejn gie premess:-

Illi l-esponent fil-1995 kien akkuzat bit-traffikar tad-droga u ghadda guri fuq din l-akkuza. Dan il-process gie deciz fil-4 ta' April 2001 fejn l-esponent gie misjub hati u inghata piena ta' hmistax (l5) il-sena prigunerija;

Illi dan il-proces instema' mill-Onorabbli Qorti Kriminali kif preseduta mill-Imhallef Vincent Degaetano u l-gurija kif giet maghzula skond il-procedura stipulata;

Illi sussegwentement ghal-dik l-akkuza l-esponent u ohrajn gew akkuzati b'attentat ta' qtil;

Illi tali akkuza harget kontra l-esponent fil-l5 ta' Mejju, l996 u illum l-esponent ghadu qieghed jistenna li isir il-process tieghu li dan l-ahhar gie appuntat ghal-Novembru 2001;

Illi l-akkuza ta' komplicita fl-istess omicidju harget wkoll kontra tlett individwi ohra, u cioe' kontra Ian Farrugia, Carmel Attard u Joseph Fenech;

Illi l-process ta' Ian Farrugia sehh u gie deciz mill-Onorabbli Qorti Kriminali kif preseduta mill-Imhallef Vincent Degaetano;

Illi l-process ta' Carmel Attard wkoll sehh u gie deciz mill-Onorabbli Qorti Kriminali kif preseduta wkoll mill-Imhallef Vincent Degaetano;

Illi l-process ta' Joseph Fenech mhux sejjer isehh stante li huwa inghata mahfra presidenzjali minn tlett atti kriminali u cioe' minn serq, traffikar tad-droga u komplicita fl-istess attentat ta' qtil;

Illi l-ipotezi tal-prosekuzzjoni, kif jidher anke mid-diversi rapport ippubblikati fil-gazzetti fuq l-opinjoni tal-Prim Ministru u tal-Avukat Generali rigward il-kaz in kwistjoni u anke mit-tezi tal-prosekuzzjoni kif murija fil-process ta' Attard u Farrugia, hija wahda li torbot l-akkuza u l-process

kontra l-esponent rigward it-traffikar tad-droga mal-akkuza u process in ezami relatat mal-attentat ta' qtil;

Illi inoltre l-kaz tal-prosekuzzjoni kontra l-esponent jistrieh fuq dik l-istess xhieda migbura fil-process ta' Farrugia u Attard kif mismugh u deciz mill-Onorabbli Qorti Kriminali preseduta mill-Imhallef Vincent Degaetano;

Illi ghalhekk l-onorabbli Qorti Kriminali kif preseduta mill-Imhallef Degaetano semghet, evalwat u iffurmat impressjoni mhux biss fuq il-mertu ta' dik ix-xhieda izda anke fuq il-kredibilita tax-xhieda migjuba quddiemha fil-processi ta' Attard u Farrugia;

Illi ghalhekk dik l-Onorabbli Qorti Kriminali semghet, evalwat u iffurmat opinjoni fuq persuni li ser jixhdu fuq l-istess fatti fil-process tal-esponent u li fuqhom din l-Onorabbli Qorti kif preseduta diga iffurmat opinjoni jew impressjoni;

Illi inoltre dik l-Onorabbli Qorti Kriminali semghet u iffurmat impressjoni fuq xhieda li semmiet lill-esponent u tefghet htija fuq l-esponent b'mod li din l-istess Qorti issa sejra tmexxi l-processi tal-esponent fuq l-istess xhieda u mertu stante li l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa bbazat fuq l-istess xhieda;

Illi dik l-istess Onorabbli Qorti li sejra tmexxi l-process tal-esponent rigward akkuza tal-attentat ta' qtil hija l-istess Qorti li diga pprocessat lill-esponent ghall-reat iehor, izda skond il-prosekuzzjoni konness, u diga semghet u evalwat ix-xhieda li fuqhom sejjer jistrieh l-kaz kontra l-esponent fil-process in kwistjoni;

Illi in oltre din l-Onorabbli Qorti Kriminali diga ppartecipat fil-process tal-esponent diversi drabi meta hija ezaminat diversi rikorsi rigward il-helsien o meno tieghu minn detenzjoni preventiva u proceduri ohra inkluz wkoll talba tal-esponent ghar-rikuza tal-Imhallef Degaetano, liema talbiet innecessitaw li din l-Onorabbli Qorti Kriminali tezamina l-mertu kif relatat ma dawn it-talbiet;

Illi dawn il-fatti huma ragunijiet legittimi sabiex iqajjmu fl-esponent u anke oggettivament f'individwu ordinarju, dubbju fuq l-imparzjalita tal-Onorabbli Qorti u fuq in-necessita' ta' smiegh xieraq fi kwalunkwe procedura kriminali;

Illi l-kaz tal-esponent inghata coverage estensiv fil-media fejn mhux biss gew ppubblikati rapporti ta' dak li kien qieghed isehh fl-andament tal-process tal-esponent izda inkludew wkoll diversi intervisti ma' persunaggi gholja fil-pajjiz bhall-Prim Ministru u Ministri, Ufficjali tal-Pulizija u l-Avukat Generali li kollha uzaw il-media sabiex isostnu l-opinjoni taghhom rigward l-innocenza o meno tal-esponent u sabiex jinfluwenzaw din l-opinjoni fuq l-individwi;

Illi ir-rapporti tal-media u anke l-intervisti li taw diversi nies li ghandhom karigi gholja fil-pajjiz kollha tefghu htija fuq l-esponent u ezaminaw jew tkellmu mhux biss fuq il-kaz bhala kaz fost ohrajn izda b'mod dirett kemm ghall-proceduri gudizzjarji kif wkoll ghall-esponent bhala individwu b'mod li kollha fihom messagg dirett fuq il-htija ta' l-esponent;

Illi inoltre l-eponent wkoll sar mir centrali tal-partiti politici fejn anke kien is-suggett f'kampanji politici u huwa gie deskritt bi kliem spregevoli intizi bhala kundanna u dan meta jittiehed fid-dawl tac-cirkostanzi politici ta' Malta fejn il-politika u dak li jghidu il-kapijiet taz-zewg partiti kbar jeffetwa l-maggoranza tal-poplu li minnu iridu jintaghzlu l-gurati huwa certament ta' pregudizzju kbir ghall-esponent;

Illi tant l-esponent u l-kaz tieghu gie uzat ghal-ghanijiet politici u bi pregudizzju ghaliha u ghal-kaz tieghu illi sahansitra huwa kien is-suggett ta' programm televiziv;

Illi l-esponent jinnota wkoll li l-ippubblikar fuq il-kaz tieghu tant kien feroci illi minkejja li l-Onorabbli Qorti Kriminali ex

ufficio esprimiet li kienet ser tordna inibizzjoni generali fuq il-pubblikazzjoni, xorta wahda minkejja dan id-digriet huwa baqa' s-suggett ta' hafna publikazzjonijiet;

Illi meta dan jitqies fis-sitwazzjoni socjali tal-pajjiz, fejn il-politika u l-politikanti ghandhom poter ta' influwenza qawwi fuq ic-cittadini, li minnhom sejra tintaghzel il-gurija, dan inaqqas dik il-fiducja li l-kora tal-gustizzja ghandu dejjem izomm f'socjeta demokrtika u li tqajjem dubbju fuq l-imparzjalita' tal-process;

Illi ghalhekk l-esponent ghandu ragunijiet oggettivament legittimi u li jinducu lil-individwu ordinarju sabiex jiddubita mill-imparzjalita rikjesta ghal-smiegh xieraq;

Ghalhekk ir-rikorrenti talab li dina l-Qorti tiddikkjara u tiddeciedi li bil-proceduri fuq premessi u fic-cirkostanzi fuq spjegati qeghdin jigu u sejrin aktarx jigu vjolati id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent ghall-smiegh xieraq quddiem Qorti imparzjali u indipendenti u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 3l9 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta tal-intimati fejn gie sottomess :-

1. Illi in kwantu li t-talbiet tar-rikorrent huma bazati fuq allegazzjonijiet ta' pubblicita pre-processwali l-istess talbiet huma manifestaent intempestivi ghaliex hu ben risaput u stabbilit li allegazzjoni ta' ksur ta' smiegh xieraq trid tigi ezaminata fil-kuntest tal-process fl-intier tieghu u mhux b'ezami in vacuo ta' xi aspett wiehed tal-process kif jirrizulta mill-kazistika kemm tal-Qorti Kostituzzjonali (Formosa vs Kummissarju tal-Pulizija - l6/04/l973; Spiteri vs Prim Ministru - 31/08/l977) kemm tal-organi taht il-Konvenzjoni Ewropea (Kaz Nielsen: 15/03/1996 (1 Yearbook IV (l961), p.494; X vs Switzerland (D&R 28

(l982), p l27; Barbera, Messegue and Jabardo, 6/12/1988 (Series A, 146, p 31; Kaz Kostoski, 20/11/1989 (Series A 166 p. 19). Fil-kaz de quo, izda, il-proceduri li fil-konfront taghhom ir-rikorrent jilmenta minn ksur jew ksur potenzjali ghadhom pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appel Kriminali;

2. Illi inoltre, in kwantu l-istess talbiet huma bazati kif inghad fil-paragrafu 1 ta' din ir-risposta, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjoni taghha ghat-tenur tal-proviso tas-subinciz (2) tal-artiolu 46 tal-Kostituzzjoni u s-subinciz (2) tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 3l9) peress li r-rikorrent ma ezawrix ir-rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni tieghu. Di fatti l-proceduri kontra r-rikorrent ghadhom ma gewx konkluzi u ghad hemm il-possibilita' ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali mill-verdett u sentenza tal-Qorti Kriminali;

3. Illi fil-meritu, ghandu immedjatament jigi rilevat li ma hux assolutament minnu li l-process relattiv gie appuntat ghall Novembru "dan l-ahhar" kif jinghad fir-raba' paragrafu tar-rikors promotur tal-gudizzju. Di fatti l-guri in kwistjoni gie appuntat zmien twil ilu ghad-data imsemmija bi qbil bejn il-prosekuzzjoni u id-difiza. Il-proceduri odjerni ftit granet qabel id-data tas-smiegh tal-guri jikkostitwixxu abbuz tal-process gudizzjarju peress li huma msejjsa fuq fatti li ilhom a konoxxenza tar-rikorrenti is-snin izda dan ghazel li jgib il-quddiem l-ilmenti tieghu proprju fl-ahhar granet qabel kellu jibda s-smiegh tal-guri meta gja gew imharrka ghall-guri numru konsiderevoli ta' xhieda u ta' persuni biex iservu ta' gurati u l-iskeda tal-qorti giet imblokkata ghal-zmien xieraq biex taghmel wisa' ghas-smiegh tal-istess guri. Biss biss, ir-rikorrent ssolleva l-eccezzjoni ta' rikuza tal-Onor. Imhallef li qieghed jippresjedi l-proceduri kriminali relevanti liema eccezzjoni giet finalment deciza u respinta mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali mhux "dan l-ahhar" izda sahansitra fil-25 ta' Jannar, 2001 u cioe' disa' xhur ilu! L-agir tar-rikorrent huwa oltragg ghall-amministrazzjoni retta tal-gustizzja u ghandu jigi fi kwalunkwe kaz censurat bhala tali;

4. In kwantu ghall-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' imparzjalita oggettiva tal-Qorti Kriminali in kwantu apparentement bazata fuq in-nuqqas ta' imparzjalita' oggettiva tal-Onor. Imhallef V. DeGaetano li qieghed jippresjedi l-istess proceduri ir-rikorrent ghall-darb'ohra, bhal meta ssolleva l-eccezzjoni ta' rekuza fil-proceduri kriminali, ma jinvoka xejn in sostenn tal-allegazzjoni tieghu hlief sensiela ta' kongetturi, spekulazzjonijiet u asserzjonijiet gratuwiti u generici. Dwar dan l-atteggjament tar-rikorrent il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-decizzjoni taghha tal-25 ta' Jannar, 2001 mill-ewwel ghamlitha cara li fis-sistema tal-guria taghna x'jahseb l-Onor. Imhallef li jkun qed jippresjedi l-guri ftit li xejn ghandu rilevanza, jew importanza u dan ghaliex l-apprezzament ta' l-attendibilita' ta' dak depost mix-xhieda huwa riservat ghall-gurija popolari. Izda imbaghad kompliet tesprimi ruhha kif gej:-

"Pero', aktar minn dan, dak li serjament jiddusturba lil din il-Qorti huwa l-mod kif bl-iktar mod generiku, minghajr ma almenu hemm indikazzjoni wahda zghira kemm hi zghira li tista' b'xi mod tikkomprometti l-imparzjalita' jew l-indipendenza tal-hsieb tal-Onorevoli Imhallef DeGetano, jigu asserit gratwitament illi huwa, fil-kors tal-guri kontra Ian Farrugia, certament ifforma opinjoni u gudizzju dwar dak li kienu xehdu Joseph Fenech u l-Onorevoli Prim Ministru Eddie Fenech Adami partikolarment u li dan bil-fors joskuralu mohhu b'mod li ma jistax ikun imparzjali f'dan il-kaz odjern ghax diga' jaf x'ser jixhdu l-imsemmija xhieda!" (sottolinear u esklamazzjoni tal-Qorti).";

5. Is-silta fuq citata hija bicca zghira biss mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fir-rigward ghaliex tghid hafna aktar minn hekk u ccensurat enfatikament l-ateggiament tar-rikorrent. Izda r-rikorrent fir-rikors odjern jibqa' jippersisti fl-istess atteggjament. F'dan ir-rigward ma humiex assolutament bizzejjed il-percezzjonijiet tal-akkuzat izda dak li hu determinanti hu jekk jezistux cirkostanzi oggettivi li jirrendu dwk il-percezzjonijiet gustifikati. Ir-rikorrent ma jindika ebda tali cirkostanzi oggettivi u jippretendi li l-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kongetturi u konkluzzjonijiet bla bazi tieghu;

6. In kwantu li r-rikorrent jipprova jirravviza tali cirkostanzi oggettivi fil-fatt li l-Onor. Imhallef li qieghed jippresjedi l-proceduri kriminali fil-kors tal-proceduri ezmina diversi rikorsi rigward il-helsien o meno tieghu minn detenzjoni preventiva, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ripetutament irriteniet li l-fatt li Imhallef jiehu decizjonijiet pre-processwali fil-kaz ma jistax jittiehed bhala fih innifsu sufficienti biex jiggustifika xi bizghat tal-akkuzat dwar l-imparzjalita' tieghu. Di fatti l-posizzjoni ahharija taht il-Konvenzjoni Ewropeja hija li biex decizjonijiet pre-processwali jistghu jaghtu lok ghall-apprensoni dwar l-imparzjalita' tal-gudikant dawk id-decizjonijiet iridu jkunu tali li jinvolvu apprezzament, u mhux prima facie, <u>dwar il-htija tal-akkuzat ghar-reat addebitati lilu.</u> Fid-decizjoni taghha tal-l5 ta' Gunju, 2000 fil-**Kaz PULLICINO** il-Qorti Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem addirittura rriteniet li l-fatt li l-Imhallef ippresjeda l-guri kien precedentement rrevoka l-liberta' provvizorja tal-akkuzat kif wkoll il-fatt li kontra l-opposizzzjoni tal-akkuzat l-istess Onor. Imhallef kien ammetta numru ta' xhieda li ma kienux precedentement dikjarati mill-prosekuzzjoni ma kienux bizzejjed biex jaghtu lok ghal-xi bizghat ta' l-akkuzat dwar l-imparzjalita' ta' l-Imhallef. Ir-rikorrent jallega, bhas-soltu gratuwitament, li d-decizjonijiet pre-processwali tal-Onor. Imhallef DeGaetano dwar il-liberta' provizorja u dwar ir-rekuza “innecissitaw” li l-Onor. Qorti Kriminali tezamina l-mertu kif relatat mat-talbiet. Dan minn mkien ma jirrizulta. U anki kieku jirrizulta, ma hux sufficienti. Li tezamina hi haga li tiddeciedi hi haga ohra;

7. In kwantu ghall-allegata pubblicita' pre-processwali, jekk jista' jinghad li kien hemm tali pubblicita' din se mai kienet tali li tfittex li tiskredita xhieda tal-prosekuzzjoni a vantagg tal-akkuzat u mhux il-kontrarju. Il-pubblicita' li qieghed jallega r-rikorrent trid tigi pruvta minnu. Izda fi kwalunkwe kaz ma hux bizzejjed li jkun hemm pubblicita' pre-processwali biex jista' jinghad li kien hemm jew jista' jkun hemm il-perikolu ghal-smiegh xieraq. Il-pubblicita' anki ta' processi kriminali hu element necessarju kostituzzjonalment. Hu certament mistenni li processi bhal

dawn li ghandhom element ta' interess pubbliku qawwi jircievu pubblicita' u jaghtu lok ghal-diskussjoni pubblika u

anki ta' natura politika forsi aktar minn processi ohra. Dan ma hux bizzejjed biex jammonta jew johloq perikolu ta' nuqqas ta' smiegh xieraq. X'impatt jista' jkollha tali pubblicita', jekk tkun tezisti, fuq il-*fairness* tal-proces fl-intier tieghu u ghalhekk ghal-dan l-aspett japplika dak sottomess fil-paragrafi 1 u 2 supra. Direttiva apposita lill-gurija mill-Qorti Kriminali fil-mument opportun ghandha tkun bizzejjed biex tassigura li l-gurija ma thalliex lilha innifisha tigi influwenzata b'xi pubblicita' li l-kaz seta' inghata precedentement. Di fati, fil-**KAZ PULLICINO** fejn wkoll giet allegata pubblicita' avversa pre-processwali l-fatt li l-Qorti Kriminali kienet tat direttiva apposita lill-gurija fir-rigward ta' tali pubblicita' kienet cirkostanza li l-Qorti Ewropea kkonsidrat bhala importanti fid-determinazzjoni taghha jekk kienx hemm ksur tal-artikolu 6 u fil-fatt sabet li ma kienx hemm tali skur;

Ghaldaqstant, fermi is-sottomissjonijiet maghmula fil-paragrafi 1 u 2 ta' din ir-risposta, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

Rat in-nota responsiva tal-intimati;

Semghet it-trattazzjoni verbali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju 2002;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti jippremetti li hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali fuq akkuzi tal-attentat ta’ qtil ta’

Richard Cachia Caruana u in konnessjoni ma dawn l-akkuzi huwa ser jghaddi guri, li ser ikun presjedut mill-Onorevoli Imhallef, illum Prim'Imhallef, Vincent Degaetano. F'dan ir-rikors ir-rikorrenti qed jitlob li jigi dikjarat u deciz li bl-imsemmija proceduri kriminali kontra tieghu u in vista ta certu cirkostanzi li huma elenkati fir-rikors promotur qeghdin jigu u sejrin aktarx jigu vjolati id-drittijiet fondamentali tieghu ghall-smiegh xieraq quddiem Qorti imparzjali u indipendenti u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 3l9 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Huwa qed jitlob li din il-Qorti, wara li tghamel l-imsemmija dikjarazzjoni, taghti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa u opportuni;

Ic-cirkostanzi li ghalihom ir-rikorrenti qed jghamel referenza huma s-segwenti:

1) L-imsemmi Imhallef li ser jippresjedi l-guri tieghu gia fforma opinjoni dwar il-htija tieghu. L-imsemmi Imhallef ippresjeda proceduri kriminali ohra separati, li fihom ir-rikorrenti gie misjub hati ta' traffikar tad-droga u gie kkundannat ghall-prigunerija. Skond ir-rikorrenti t-tezi tal-prosekuzzjoni hi li hemm rabta bejn l-akkuzi tal-attentat ta' qtil u l-akkuzi li taghhom ir-rikorrenti gia nstab hati dwar it-traffikar tad-droga;

2) Hemm persuni ohra li gew akkuzati bl-istess akkuzi tal-attentat ta' qtil ta' Richard Cachia Caruana. Dawn il-persuni l-ohra gia ssubew guri dwar dawn l-akkuzi u dawn il-proceduri ukoll kienu presjeduti mill-imsemmi Imhallef. Inoltre jidher li l-prosekuzzjoni ser tistrieh fuq ix-xhieda u provi li gew migbura f'dawn l-istess proceduri kontra terzi. Ghalhekk il-Qorti Kriminali kif presjeduta mill-imsemmi Imhallef gia semghet, gia evalwat u gia iffurmat impressjoni fuq il-mertu ta' dik ix-xhieda u fuq il-kredibilita tal-istess xhieda, u dawn huma l-istess xhieda li ser jixhdu fil-proceduri ta' kontra r-rikorrenti;

3) Fl-imsemmija proceduri kontra terzi ssemma r-rikorrenti. Ghalhekk il-Qorti Kriminali kif ser tkun presjeduta gia ffurmat impressjoni fuq dawn ix-xhieda li semmew lir-rikorrenti u fuq dak li qalu l-istess xhieda;

4) Il-Qorti Krimianli presjduta mill-imsemmi Imhallef gia ppartecipat fil-process kontra r-rikorrenti meta ezaminat diversi rikorsi presentati minnu ghall-ghoti tal-liberta' provizorja u meta esaminat proceduri ohra, inkluz talba tar-rikorrenti ghar-rikuza tal-istess Imhallef;

5) Barra minn dan kollu l-kaz tar-rikorrenti nghata pubblicita' estensiva fil-media kollha u gew ppubblikati rapporti ta' dak li kien qieghed isehh fil-varji processi fuq indikati u saru ukoll intervisti ma' varji persunaggi bhall-Prim Ministru, Ministri, Ufficjali tal-Pulizija u l-Avukat Generali. F’dawn ir-rapporti u intervisti ntefghet htija fuq ir-rikorrenti, li ukoll sar il-mira tal-partiti politici u kien ukoll is-suggett f'kampanji politici. Huwa gie deskritt bi kliem spregevoli intizi bhala kundanna. In effett dak li jghidu l-partiti politici u l-kapijiet taghhom jeffetwa l-eventwali gurati u dan certament hu ta' pregudizzju kbir ghar-rikorrenti. Ir-rikorrenti kien ukoll is-suggett ta' programm televiziv;

6) Il-kaz kollu tar-rikorrenti gie ttrattat b’mod feroci tant li, nonostante li Qorti Kriminali ordnat inibizzjoni generali fuq il-pubblikazzjoni, xorta wahda r-rikorrenti baqa' s-suggett ta' hafna publikazzjonijiet;

In vista ta' dan kollu ghalhekk ir-rikorrenti qed isostni li hemm dubji ragionevoli dwar l-imparzjalita tal-Qorti kif presjeduta mill-Imhallef Degaetano u ghalhekk hemm dubju dwar it-tutela tad-dritt fundamentali tieghu ghas-smiegh xireaq. Inoltre in vista ta' dak kollu li ntqal dwar il-kaz tieghu fil-media, kemm fil-gurnali, fir-radio u televizjoni, jista jkun li l-persuni, li eventwalment ser jiffurmaw il-gurija, gew influenzati u ghalhekk ukoll hemm dubju dwar l-imparzjalita' tal-process u dwar kemm is-smiegh ser ikun xierqa;

Il-lanjanzi tar-rikorrenti jirrigwardaw il-proceduri kriminali li qed jittiehdu kontra tieghu u li huma pendenti quddiem il-Qorti Kriminali rigwardanti l-akkuzi ta' attentat ta' qtil. Basikament ir-rikorrenti qed jghid li, fil-guri li ser isir in konnessjoni ma dawn l-akkuzi, d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq ser jigi vjolat minhabba n-nuqqas ta' imparzjalita' tal-Qorti Kriminali kif presjeduta mill-Prim Imhallef Vincent Degaetano;

Skond ir-rikorrenti l-imsemmi Imhallef mhux imparzjali stante li huwa gia ifforma opinjoni kemm dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet kif ukoll dwar il-kredibilita' ta' xi xhieda li ser jigu prodotti. Dana in vista tal-fatt li l-imsemmi Imhallef gia ppresjeda proceduri kriminali ohra fejn ir-rikorrenti gie misjub hati ta’ offizi marbghutin mal-akkuzi li qed jiffaccja issa u gia ppresjeda proceduri ohra kriminali ta' persuni ohra akkuzati bl-istess akkuzi tal-attentat ta’ qtil ta’ Richard Cachia Caruana;

Barra minn hekk l-istess Imhallef gia ezamina talbiet tar-rikorrenti ghall-ghoti tal-liberta' provizorja kif ukoll esamina talba sabiex hu jigi rekuzat. Inoltre, skond ir-rikorrenti, l-imsemmi dritt fundamentali tieghu ser jigi ukoll vjolat peress li l-persuni, li ser ikunu qed jiffurmaw il-gurija, gew influenzati minhabba li l-kaz tieghu kien is-suggett ta' programmi u artikoli li deheru fil-media kollha u fejn intefghet htija fuq ir-rikorrenti;

Ir-rikorrenti jghamel referenza "generali" ghall-provedimenti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 3l9 tal-Ligijiet ta' Malta) u dawk tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. In effett ir-rikorrenti naqas li jispecifika ghal-liema subartikoli tal-istess artikoli huwa qed jghamel referenza. Jidher li s-subartikoli in kwestjoni, hawnhekk, huma s-subartikolu (1) tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u s-subartikolu (1) tal-atikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li hu dritt fundamentali li kull minn hu akkuzat

b'reat kriminali ghandu jigi mghoti smiegh xieraq f'gheluq zmien ragionevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. L-artikolu 6(1) tal-Kapitolu 319 jissanzjona l-istess dritt, pero' imur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu ikun imparzjali u pubbliku u ghandu ikun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Id-drittijiet fundamentali sanciti b'dawn l-artikoli ghalhekk jinvolvu fl-ewwel lok li fi proceduri kriminali ghandu jkun hemm smigh xieraq, imparzjali u pubbliku quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali;

Ir-rkorrenti qed isostni li, skond dawn il-provedimenti, ghandu ikun hemm smiegh xieraq u imparzjali fil-kawza tieghu u minn ser jiggudikah ghandu ukoll ikun imparzjali u indipendenti. Ir-rikorrenti qed isostni li fid-dawl ta' dak kollu li gie sottomess fir-rikors promotur id-dritt fundamentali tieghu kif sancit fl-artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Atikolu 6(1) qed jigi vjolat u ghad jista jigi vjolat. F'dan l-istadju ghandu jinghad li generalment ilment li jirrigwarda dawn il-provedimenti ghandu jigi esaminat fil-konfront ta' proceduri kriminali li jkunu gew decizi finalment u mhux, kif qed isir hawnhekk, meta ghadu lanqas gie celebrat il-guri;

Ir-rikorrenti bl-ebda mod ma pprova li hemm xi imparzjalita' soggettiva jew oggettiva da parti tal-imsemmi Imhallef li ser jippresjedi l-guri. Hu principju fundamentali u kardinali li f'guri d-decizjoni dwar htija o meno tal-imputat hi kwestjoni li tigi deciza biss mill-gurati. L-Imhallef li jkun qed jippresjedi l-guri ma jidholx f'din id-decizjoni;

Il-proceduri penali li gia ssubixxa r-rikorrenti, huma proceduri apparti u indipendenti mill-proceduri li ghad ser jissubixxi l-istess rikorrenti. Dawn huma akkuzi kompletament separati u li jinvolvu artikoli tal-ligi penali li huma differenti. Il-kredibilita' o meno tax-xhieda hi ukoll kwestjoni ta' fatt li finalment ukoll tigi deciza esklusivament mill-gurati;

Il-fatt li l-Imhallef gia ppresjeda gurijiet ta' persuni ohra akkuzati bl-istess reat ma jbiddel xejn minn dan kollu. Ir-rikorrenti stess irrileva li dawn il-gurijiet kienu kompletament differenti fin-natura taghhom u kellhom ukoll esitu differenti, tant li wiehed mill-akkuzati eventwalment gie liberat;

Meta l-Imhallef li ser jippresjedi l-guri ttratta u ddecida kwestjonijiet preliminari bhal talbiet tar-rikorrenti ghall-ghoti tal-liberta' provizorja u talba sabiex hu jigi rekuzat, ma ddecida xejn fil-meritu u ma hemm xejn li jista jiskwalifikah milli jippresjedi l-guri li gej;

Mhux bizzejjed li r-rikorrenti semplicement jallega li huwa m'ghandux fiducja fil-Qorti li ser tiggudikah sabiex jista jinghad li d-drittijiet fundamentali tieghu ser jigu lezi. Irid jirrizulta xi element oggettiv jew soggettiv li jista jindika positivament li l-process li ser jissubixxi r-rikorrenti mhux ser ikun xieraq jew imparzjali. Dan zgur li ma jirrizultax. Il-fatt li l-Imhallef iddecieda dwar l-ghoti tal-liberta' provizorja jew dwar ir-rekuza tieghu, zgur li ma jeskludix lill-istess Imhallef milli jippresjedi l-guri. Ma jistax jinghad li f'dawn id-decizjonijiet l-Imhallef dahal fil-meritu tal-kwestjoni jekk ir-rikorrenti hux hati jew le;

Il-kwestjoni jekk il-gurati humiex pregudikati jew le hi kwestjoni li semmai ghandha tigi ventilta u investigata wara li l-proceduri penali jkunu gew decizi b'mod finali. Hu impossibbli li tali indagini issir f'dan l-istadju meta l-gurija ghada ma ntghazlitx u ghalhekk ghadu hadd ma jaf min huma l-gurati. Jista ikun li direzzjoni apposita u f'waqta da parti ta' minn ikun qed jippresjedi l-guri tkun bizzejjed biex tpoggi l-perspettivi kollha tal-gurati fil-linja gusta. In effett il-guri ghadu ma giex celebrat u l-esitu tieghu zgur li hadd ma jista jghid x'ser ikun. Ghad jonqos li jinghata l-verdett. Il-verdett jista jkun wiehed liberatorju u f'dan il-kaz zgur li ma jistax jinghad li s-smiegh ma kienx xieraq jew imparzjali. Skond il-verdett ir-rikorrenti jkollu ukoll l-opportunita' li jappella lill-Qorti kompetenti;

Jista jkun li l-kaz tar-rikorrenti nghatha hafna pubblicita' u jista jkun ukoll li saru hafna kummenti dwaru fuq il-media

kollha. Il-kaz tar-rikorrenti ma jistax ma jissollevax interess aktar minn kazijiet ohra u dana anke minhabba l-personaggi li huma involuti fih. F'dan l-istadju pero' ma jistax jinghad li minhabba l-pubblicita' li nghatatlu zgur li l-gurati ser ikunu pregudikati. Jekk ikun hemm bzonn ghad jistghu jittiehdu mizuri li jistghu jassiguraw li l-process ikun wiehed gust u xieraq kif trid il-ligi;

Fid-dawl tal-premess ma jirrizultax li f'dan l-istadju gew lesi jew jistghu jigu lesi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara li ma jirrizultax li bil-proceduri kriminali in kwestjoni li qed jittiehdu kontra r-rikorrenti qeghdin jigu u sejrin aktarx jigu vjolati id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif sanciti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 3l9 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti qed jigu michuda;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------